

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1523****tal-15 ta' Ottubru 2020**

**li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għal-lingwata komuni fiż-żoni 8a u 8b minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 (²) jistabbilixxi l-kwoti għall-2020.
- (2) Skont it-tagħrif li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdet tal-istokk tal-lingwata komuni li, l-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż, għamlu fiż-żoni 8a u 8b, eżawrew il-kwota allokata għalihom għall-2020.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġi pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1****Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-2020 għall-Belġju għall-istokk tal-lingwata komuni fiż-żoni 8a u 8b msemmija fl-Anness għandha titqies li hija eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

**Artikolu 2****Projbizzjonijiet**

1. Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għandhom jiġi pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jsir tiflix għall-ħut, tfigħi, issettjar jew ġbid tal-irkaptu tas-sajd għall-finijiet tas-sajd ta' dak l-istokk.
2. It-trasbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment, it-tqegħid f'gaġeġ, is-simna u l-ħatt l-art ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd minn dak l-istokk li jinqabdu minn dawk il-bastimenti għandhom jibqgħu awtorizzati għall-qabdet meħuda qabel dik id-data.
3. Il-qabdet mhux intenzjonati ta' speċijiet minn dak l-istokk minn dawk il-bastimenti għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd, jiġi rreġistrati, jinħattu l-art u jinqatgħu mill-kwoti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (³).

(¹) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal-ċerti stokkijiet tal-ħut u ġerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti il-miex minn tħalli għall-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

(³) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

**Artikolu 3****Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kummissjoni  
F'isem il-President  
Virginijus SINKEVIČIUS  
Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

Nru	20/TQ123
Stat Membru	Il-Belġju
Stokk	SOL/8AB.
Speċi	Lingwata komuni ( <i>Solea solea</i> )
Żona	8a u 8b
Data tal-ġeluq	1.10.2020